Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 25/16

**AVVIŻI**

**19 ta' Ġunju 2016**

Nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju fil-quddiesa tas-7pm jingħata l-mandat lil-Letturi għas-sena li ġejja u ssir il-vestizzjoni ta' abbati ġdid. Fi tmiem il-quddiesa jsir il-ħruġ tal-vara titulari min-niċċa.

Nhar it-Tnejn fid-9.30am ssir quddiesa għall-anzjani u l-morda. Tkun ħaġa sabiħa jekk noffru għajnuna lill-morda qraba jew ġirien tagħna biex ikunu jistgħu jiġu.
Filgħaxija ssir quddiesa għat-tfal fis-7pm. Wara l-quddiesa nieħdu xi ħaġa flimkien fuq iz-zuntier. Għalhekk nistiednu lit-tfal iġibu xi ħaġa tal-ikel jew tal-ħelu magħhom biex ikunu jistgħu jaqsmuhom mat-tfal l-oħra b'sinjal ta' ħbiberija.

Nhar it-Tlieta fis-7pm jkun hawn il-quddiesa għall-koppji. Nistiednu b'mod speċjali lil dawk li għandhom xi anniversarju speċjali u lil dawk li waslu biex jiżżewwġu biex ikunu preżenti.

Bejn l-Erbgħa u l-Ġimgħa jsir it-Tridu bit-tħejjija għall-Festa. Fis-6.30pm jingħad ir-rużarju, fis-7pm Quddiesa u wara tingħad il-kurunella, titkanta l-antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Inħeġġu lil kulħadd biex jattendi. Imexxi Dun Luke Cutajar, viċi-kappillan tal-parroċċa ta' Wied il-Għajn.

Għal aktar tagħrif tistgħu taraw il-programm tal-festa li ssibuh ukoll online.

Infakkru lil dawk li jixtiequ joffru bukkett fjuri għal żmien il-festa għandhom iħallu isimihom fis-sagristija. Napprezzaw l-għajnuna ta' dawk li qed iwasslu l-envelopes bl-offerta għall-ispejjeż tal-festa u nirringrazzjawhom.